VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,441, 16 ta' Ġunju, 2015
Taqsima B

A.L. 195 tal-2015

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (KAP. 424)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Maternità fuq il-Post tax-Xogħol

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, wara konsultazzjoni mal-Aworità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, għamlet ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Maternità fuq il-Post tax-Xogħol, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Maternità fuq il-Post tax-Xogħol, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 424.11

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 92/85/KEE dwar l-introduzzjoni ta' mizuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva individwali skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE).

Jemenda l-Iskeda I li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. L-Iskeda I li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"SKEDA I
Regolament 4(2)

Lista mhux kompleta ta' aġenti li dwarhom għandha ssir stima.

A. Aġenti

1. *Aġenti fiżiċi* fejn dawn huma meqjusa bħala aġenti li jikkawżaw leżjonijiet fil-fetu u/jew li x'aktarx jiddisturbaw attakkament tal-plaċenta, u partikolarment:

(a) taħbit qawwi, vibrazzjonijiet jew ċaqliq;

(b) il-ġarr manwali ta' piżijiet li jimplikaw riskji,

VERŻJONI ELETTRONIKA

partikolarment ta' natura dorsolumbari;

(ċ) storbju;

(d) radjazzjoni jonizzanti;

(e) radjazzoni non-jonizzanti;

(f) estremi ta' bard jew sħana;

(g) ċaqliq jew qagħad, ivvjaġġar - jew ġewwa jew barra l-istabbiliment -għeja fiżika jew mentali u piżijiet oħra fiżiċi konnessi mal-attività tal-ħaddiema fis-sens tar-regolament 2.

2. Aġenti Bijoloġiċi

Aġenti bijoloġiċi fil-gruppi ta' riskju 2, 3 u 4 skont it-tifsira tal-paragrafi 2, 3 u 4 tat-tifsira "aġenti bijoloġiċi" tat-tieni paragrafu tar-regolament 2 tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema minn Riskji relatati mal-Espożizzjoni għal-Aġenti Bijoloġiċi fuq il-Post tax-Xogħol, sa fejn huwa magħruf li tali aġenti jew il-miżuri terapewtiċi meħtieġa minnhom jipperikolaw is-saħħa tan-nisa tqal u tat-tarbija li għadha fil-ġuf, u sa fejn dawn ma jidhrux fl-Iskeda II.

L.S.424.25

3. Aġenti Kimiċi

L-aġenti kimiċi li ġejjin inkwantu hu magħruf jpoġġu is-saħħa tan-nisa tqal u tat-tarbija mhux imwielda fil-perikolu inkwantu għadhom ma jidhrux fl- iskeda II:

(a) sustanzi u taħlitiet li jissodisfaw il-kriterji dwar il-klassifikazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'waħda jew aktar minn dawn il-klassijiet ta' periklu u kategoriji perikoluż li ġejjin b'waħda jew aktar mid-dikjarazzjonijiet ta' periklu li ġejjin, sa fejn dawn ma jidhrux fl-Iskeda II:

- mutaġeni għaċ-ċelloli ġerminali, kategorija 1A, 1B jew 2 (H340, H341);

- karċinoġeniċità, kategorija 1A, 1B jew 2 (H350, H350i, H351);

- tossiċità riproduttiva, kategorija 1A, 1B jew 2 jew il-kategorija addizzjonali għal effetti fuq jew permezz tat-treddigħ (H360, H360D, H360FD, H360Fd, H360Df, H361, H361d, H361fd, H362);

VERŻJONI ELETTRONIKA

- tossiċità f'organi speċifiċi wara espożizzjoni waħda, kategorija 1 jew 2 (H370, H371);

(b) aġenti kimiċi fl-Iskeda I tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Ħaddiema mir-Riskji Relatati mal-Espożizzjoni għall-*Carcinogens* jew *Mutagens* fuq il-Post tax-Xogħol; L.S. 424.22

(ċ) merkurju u derivattivi tal-merkurju;

(d) drogi antimitotiċi;

(e) monossidu tal-karbonju;

(f) aġenti kimiċi li l-assorbiment mill-ġilda huwa magħruf u perikoluż.

B. Proċessi

Proċessi industrijali elenkati fl-Iskeda 1 tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Ħaddiema mir-Riskji Relatati mal-Espożizzjoni għall-*Carcinogens* jew *Mutagens* fuq il-Post tax-Xogħol.". L.S.424.22

3. L-Iskeda II li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej: Jemenda l-Iskeda II li tinsab mar-regolamenti prinċipali

"SKEDA II

Regolament 4(3)

TAQSIMA A: Lista mhux eżawrijenti ta' aġenti li dwarhom mara tqila ma tistax tiġi esposta għalihom:

A. Nisa tqal skont it-tifsira "mara tqila" tar-regolament 2

1. Aġenti:

(a) Aġenti fiżiċi

Xogħol f'atmosfera iperbarika, p.e. taħt pressjoni, u għadis taħt l-ilma.

(b) Aġenti bijoloġiċi

L-aġenti bijoloġiċi li ġejjin:

- toxoplasma,

- il-virus tar-rubella,

VERŻJONI ELETTRONIKA

kemm-il darba m'hemmx prova li n-nisa tqal huma protetti kif xieraq kontra dan l-aġent permezz tal-immunizzazzjoni.

(ċ) Aġenti Kimiċi

Ċomb u derivattivi taċ-ċomb inkwantu dawn l-aġenti jistgħu jiġu assorbiti mill-organiżmu uman.

Kap. 424

2. Kull aġent fiżiku, bijoloġiku jew kimiku li l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol imwaqqfa permezz tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol tqis, li jikkaġuna leżjonijiet fuq it-tarbija fil-ġuf, u/jew għandu mnejn jifred l-għaqda li ssir bil-plaċenta, u/jew għandu mnejn jikkaġuna mard serju lil mara tqila.

TAQSIMA B: Aġenti, proċessi jew attivitajiet ta' xogħol li mara li treddgħa tarbija ma tistax tiġi esposta għalihom.

Regolament 4(4)

A. Nisa tqal skont it-tifsira "mara tqila" tar-regolament 2.

1. Aġenti

(a) Aġenti kimiċi

Ċomb u derivattivi taċ-ċomb inkwantu dawn l-aġenti jistgħu jiġu assorbiti mill-organiżmu uman.

2. Kull aġent ieħor, proċess jew attività ta' xogħol li jistgħu jkollhom effett ħażin fuq il-kapaċità ta' omm li treddgħa.".